**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 249/11VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Illum 28 ta' Marzu 2019**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat minn XXX fl-10 ta' Novembru 2011 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal iħassar u jirrevoka, inkluż is-sorte, l-imgħax u t-taxxa addizzjonali, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-sena ta' stima 2002; bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 4 sa' 10 tal-proċess;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu għas-sena ta' stima 2002 u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra ir-Rikorrent, u minflok l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa tiġi kkonfermata stante li: (i) kuntrarjament għal dak pretiż mir-Rikorrent, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2002 inħarġet skond il-Liġi u l-Avviż ta' Rifjut inħareġ ai termini ta' l-Artikolu 33(5) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, u allura nħareġ ai termini tal-Liġi; (ii) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2002 inħarġet a bazi ta' indikazzjoni li r-Rikorrent ma ddikjarax il-bejgħ kollu tiegħu u kif ukoll talab deduzzjonijiet li ma ġewx sostanzjati minnu bid-dokumentazzjoni relatata b'tali mod li hu spiċċa biex ma ddikjarax id-dħul kollu tiegħu, u dan juri li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa nħarġet b'mod ġust u raġjonevoli; (iii) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2002 ma hijiex preskritta in kwantu inħarġet ai termini ta' l-Artikolu 31(7) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) ma huwiex minnu li r-Rikorrent dejjem

ikkolabora mal-Kummissarju u dejjem obda l-ordnijiet tiegħu u li huwa pprovda kemm il-kotba tan-negozju u dokumenti oħra rikjesti in kwantu la l-kotba tan-negozju u lanqas id-dokumentazzjoni b'sostenn tagħhom ma ġew ippreżentati; u (v) il-Kummissarju impona taxxa addizzjonali w interessi skond il-Liġi;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni markati Dok. "KTI1" sa' Dok. "KTI8" a fol. 21 sa' 34 tal-proċess;

Ra li waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2012[1], il-partijiet kontendenti qablu li dawn il-proċeduri mixjin mar-Rikors bin-Numru 235/11 fl-ismijiet "Vincent Saffrett v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" u li l-provi miġbura f'dawk il-proċeduri jgħoddu għal dawn il-proċeduri wkoll;

Ra t-talba avvanzata mir-Rikorrent waqt is-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2012[2], sabiex jiġu esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri l-files kollha tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattivi għar-Rikorrent għas-snin ta' stima mertu ta' l-appelli ippreżentati minnu. Ra li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni oppona għal din it-talba. Ra li t-talba tar-Rikorrenti ġiet milqugħa permezz ta' Digriet mogħti fil-31 ta' Jannar 2013[3], liema Digriet ġie kkonfermat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) b'deċiżjoni mogħtija fid-29 ta' April 2015;

Sema' x-xhieda ta' Gorg Borg, rappreżentant tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2012[4] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "KT1" sa' Dok. "KT11" u Dok. "KTP1" sa' Dok. "KTP4" a fol. 56 sa' 219 tal-proċess fl-ismijiet "Vincent Saffrett v. Kummissarju tat-Taxxi Interni", Rik. Nru. 235/11, sema' x-xhieda ta' Paul Camilleri mogħtija waqt is-seduti tal-31 ta' Jannar 2013[5], tad-29 ta' April 2013[6], tal-11 ta' Jannar 2016[7], tat-3 ta' Marzu 2016[8], tat-13 ta' Ġunju 2016[9] u tas-17 ta' Novembru 2016[10] u ra d-dokumenti esebiti minnu a fol. 241 tal-proċess fl-ismijiet "Vincent Saffrett v. Kummissarju tat-Taxxi Interni", Rik. Nru. 235/11, fol. 249 u 250 tal-proċess fl-ismijiet "Vincent Saffrett v. Kummissarju tat-Taxxi Interni", Rik. Nru. 235/11 u fol. 272 tal-proċess fl-ismijiet "Vincent Saffrett v. Kummissarju tat-Taxxi Interni", Rik. Nru. 235/11, ra d-dokumenti, ossia accounts tas-sena 1999 u tas-sena 2000 kif ukoll CDs li ma jistgħux jinqraw, esebiti minn Vincent Saffrett permezz ta' Nota ppreżentata fis-6 ta' Lulju 2016 a fol. 289 sa' 371 tal-proċess fl-ismijiet "Vincent Saffrett v. Kummissarju tat-Taxxi Interni", Rik. Nru. 235/11, ra il-file tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattiv għar-Rikorrent u għas-snin ta' stima mertu ta' dawn il-proċeduri u tar-Rikorsi fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju

[1] Fol. 44 tal-proċess.
[2] Fol. 55 tal-proċess fl-ismijiet "Vincent Saffrett v. Kummissarju tat-Taxxi Interni", Rik. Nru. 235/11.
[3] Fol. 236 sa' 240 tal-proċess fl-ismijiet "Vincent Saffrett v. Kummissarju tat-Taxxi Interni", Rik. Nru. 235/11.
[4] Fol. 46a sa' 46n tal-proċess.
[5] Fol. 47a sa' 47f tal-proċess.
[6] Fol. 48a u 48b tal-proċess.
[7] Fol. 68 sa' 70 tal-proċess.
[8] Fol. 72 sa' 79 tal-proċess.
[9] Fol. 81a u 81b tal-proċess.
[10] Fol. 84 sa' 91 tal-proċess.

tat-Taxxi Interni" Rik. Nri. 243/11, 245/11 sa' 250/11, esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' Nota ppreżentata fit-3 ta' Ġunju 2015, sema' x-xhieda ta' Marco Borg, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduti tad-19 ta' Ottubru 2015[11], tal-11 ta' Mejju 2017[12] u tat-23 ta' Novembru 2017[13] u ra l-affidavit tiegħu u d-dokumenti annessi miegħu markati Dok. "MB1 sa' Dok. "MB15" a fol. 113 sa' 270 tal-proċess, sema' x-xhieda ta' Louis Camilleri, rappreżentant tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2017[14] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "LC1" sa' Dok. "LC5" a fol. 385 sa' 400 tal-proċess fl-ismijiet "Vincent Saffrett v. Kummissarju tat-Taxxi Interni", Rik. Nru. 235/11, u sema' x-xhieda tar-Rikorrent mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' April 2017[15];

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensur tar-Rikorrent;

Ra li għalkemm il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ngħata l-fakoltà li jippreżenta Nota Responsiva, huwa baqa' ma ppreżentax tali Nota;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

In forza ta' Avviż ta' Likwidazzjoni għas-sena ta' stima 2002 datat 2 ta' Marzu 2009[16], ir-Rikorrent ġie mitlub mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jħallas is-somma komplessiva ta' €42,058, rappreżentanti taxxa, taxxa addizzjonali w imgħax għall-imsemmija sena ta' stima. Ir-Rikorrent oġġezzjona għal din il-Likwidazzjoni ta' Taxxa permezz ta' oġġezzjoni sottomessa fis-7 ta' April 2009[17] u dana billi *gross profit margins as calculated by department are very high. 50% of turnover represents cigarettes sales*, kif muri fid-dokument anness ma' l-istess oġġezzjoni[18]. In forza ta' Rijut ta' Oġġiezzjoni datat 17 ta' Ottubru 2011[19], il-Kummissarju tat-Taxxi Interni għarraf lir-Rikorrent illi: *your objection has been duly considered but the Commissioner considers that the ground/s submitted cannot be upheld for the following reason/s: (a) The taxpayer under declared his share of profits arising out of the running of kiosk at City Gate Valletta in partnership with a third party, in that he understated sales/profits made by the kiosk. (b) Taxpayer failed to submit to the Inland Revenue Department Trade Books, Bank statements and other documents requested. (c) Although several appointments were set by the Inland Revenue Department, Mr. XXX or his representative did not turn up for most of the meetings* u li għalhekk it-taxxa dovuta minnu għas-sena ta' stima 2002 tammonta għal €736. In segwitu għar-

[11] Fol. 58 sa' 66 tal-proċess.
[12] Fol. 110 tal-proċess.
[13] Fol. 113 sa' 118 tal-proċess.
[14] Fol. 93 sa' 100 tal-proċess.
[15] Fol. 102 sa' 108 tal-proċess.
[16] Dok. "KTI3" a fol. 23 u 24 tal-proċess.
[17] Dok. "KTI4" a fol. 25 u 26 tal-proċess.
[18] Dok. "KTI5" a fol. 27 tal-proċess.
[19] Dok. "KTI7" a fol. 30 tal-proċess.

Rifjut inħarġet Likwidazzjoni ta' Taxxa - ridotta minn dik oriġinali - għas-sena ta' stima 2002 datata 10 ta' Ottubru 2011[20], li biha r-Rikorrent ġie mitlub iħallas is-somma ta' **€3,009** rappreżentanti taxxa, taxxa addizzjonali w imgħax.

Ir-Rikorrent ħassu aggravat bir-Rifjut ta' Oġġezzjoni u bil-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu għas-sena ta' stima 2002 u interpona appell minnha għal quddiem dan it-Tribunal. Huwa jitlob li l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2002 tiġi revokata *in toto* in bażi għas-segwenti aggravji: (i) il-Likwidazzjoni u Avviż ta' Rifjut ma nħarġux *properly, reasonably* u *fairly*; (ii) l-istima nħarġet wara li kien għalaq it-terminu ta' dekadenza preskritt fl-Artikolu 31 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) b'referenza għall-ewwel punt sollevat fl-Avviż ta' Rifjut, huwa qatt ma rċieva l-qligħ illi qed jgħid il-Kummissarju. Il-kalkoli tal-Kummissarju huma għal kollox żbaljati u bażati fuq premessi ħżiena; (iv) b'referenza għat-tieni punt sollevat fl-Avviż ta' Rifjut, huwa kkollabora dejjem mal-Kummissarju, dejjem obda l-ordnijiet tiegħu u tah kemm it-trade books u dokumenti oħra rikjesti; (v) b'referenza għat-tielet punt sollevat fl-Avviż ta' Rifjut, mhux minnu li huwa ma attendiex għall-laqgħat, mhux talli hekk talli ħallas lill-accountant tiegħu, Paul Camilleri, sabiex jirrappreżentah f'diversi laqgħat u assigura ruħu li l-imsemmi Camilleri dejjem attenda għall-laqgħat illi l-Kummissarju ordnalu jattendi; u (vi) ir-rapport taxxa pperikolata/multi amministrattivi w imgħax punittiv jippekkaw serjament f'dak li huwa proporzjonalità.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu għas-sena ta' stima 2002 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa kkonfermata stante li: (i) kuntrarjament għal dak pretiż mir-Rikorrent, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2002 inħarġet skond il-Liġi u l-Avviż ta' Rifjut inħareġ ai termini ta' l-Artikolu 33(5) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, u allura inħareġ ai termini tal-Liġi; (ii) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2002 inħarġet a bazi ta' indikazzjoni li r-Rikorrent ma ddikjarax il-bejgħ kollu tiegħu u kif ukoll talab deduzzjonijiet li ma ġewx sostanzjati minnu bid-dokumentazzjoni relatata b'tali mod li hu spiċċa biex ma ddikjarax id-dħul kollu tiegħu, u dan juri li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa nħarġet b'mod ġust u raġjonevoli; (iii) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2002 ma hijiex preskritta in kwantu inħarġet ai termini ta' l-Artikolu 31(7) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) ma huwiex minnu li r-Rikorrent dejjem ikkolabora mal-Kummissarju u dejjem obda l-ordnijiet tiegħu u li huwa pprovda kemm il-kotba tan-negozju u dokumenti oħra rikjesti in kwantu la l-kotba tan-negozju u lanqas id-dokumentazzjoni b'sostenn tagħhom ma ġew ippreżentati; u (v) il-Kummissarju impona taxxa addizzjonali w interessi skond il-Liġi.

[20] Dok. "KTI6" a fol. 28 u 29 tal-proċess.

**Raġuni għall-verifika fil-konfront tar-Rikorrent u eżitu ta' l-istess:**

Mill-atti proċesswali u mix-xhieda ta' Gorg Borg[21] u ta' Marco Borg[22], entrambe rappreżentanti tal-Kummissarju tat-Taxxi, jirriżulta li l-verifika fil-konfront tar-Rikorrent skattat wara li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni rċieva rapport mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud illi Vincent Saffrett, li kien sħab mar-Rikorrent fin-negozju ġestit minn kiosk f'City Gate, il-Belt Valletta, kien laħaq ftehim ma' dak id-Dipartiment (ossia tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud) dwar bejgħ mhux iddikjarat derivanti min-negozju msemmi.

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru 2015[23], Marco Borg iddikjara li *l-investigazzjoni aħna bdejniha fis-sena 2006. Issa l-agreement li kien sar* [mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud] *ma nafx eżattament id-dati meta bdew jiftehmu mal-Vat, però l-agreement li kienu għamlu mal-Vat kien mill-1 ta' Jannar tas-sena 1999 sat-30 ta' April 2004. Ma nafx eżattament meta ġie infurmat id-Dipartiment però jekk trid niċċekkjalek. Però fil-11 ta' Ottubru tas-sena 2006 bgħattna l-ewwel notification letter.* Fl-affidavit tiegħu[24] l-istess Marco Borg iddikjara illi *fit-13 ta' Ottubru 2006 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni beda investigazzjoni fuq Vincent Saffrett ... li kien imexxi kiosk f'bieb il-Belt Valletta bi sħab ma' XXX ... Tali investigazzjoni ġiet sussegwentement estiża fuq is-sieħeb fin-negozju tiegħu, XXX, liema investigazzjonijiet tmexxew simultanjament. Ngħid illi fid-9 ta' Settembru 2008 intbagħtet ittra lis-Sur Carabott li permezz tagħha ingħata appuntament għad-19 ta' Settembru 2008[25]... fejn intalab jipproduċi l-kotba tal-banek, konferma mill-banek lokali rigward il-kontijiet bankarji tiegħu, kotba tan-negozju, VAT Returns u Statement of Affaris għal perijodu bejn is-sena bażi 2002 u s-sena bażi 2007. Peress illi s-Sur Carabott ma attendiex għal din il-laqgħa intbagħtitlu ittra oħra nhar it-30 ta' Diċembru 2008 permezz ta' liema ġie mitlub jattendi għall-laqgħa fit-13 ta' Jannar 2009. Permezz ta' ittra datata 25 ta' Frar 2009[26]... huwa ġie mitlub jipproduċi wkoll dokumentazzjoni b'referenza għas-snin bażi 1998, 1999, 2000, 2001, 2003, 2004 u 2005. XXX fil-formoli tat-taxxa tiegħu għas-snin ta' stima 1999 sas-sena ta' stima 2007[27] ... iddikjara d-dħul* segwenti: Sena ta' stima 1999: Profitt Lm4,073; Dħul taxxabbli Lm4,073; Taxxa fuq id-dħul taxxabbli - Lm11; Sena ta' stima 2000: Profitt Lm4,240; Dħul taxxabbli Lm4,240; Taxxa fuq id-dħul taxxabbli - Lm36; Sena ta' stima 2001: Profitt Lm4,463; Dħul taxxabbli Lm4,463; Taxxa fuq id-dħul taxxabbli - Lm70; Sena ta' stima 2002: Profitt Lm4,533; Dħul taxxabbli Lm4,533; Taxxa fuq id-dħul

[21] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2012, fol. 46a sa' 46n tal-proċess.
[22] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduti tad-19 ta' Ottubru 2015 a fol. 58 sa' 66 tal-proċess, tal-11 ta' Mejju 2017 a fol. 110 tal-proċess u tat-23 ta' Novembru 2017 a fol. 114 sa' 119 tal-proċess, u l-affidavit u d-dokumenti annessi miegħu markati Dok. "MB1 sa' Dok. "MB15"a fol. 113 sa' 270 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 243/11.
[23] Fol. 58 sa' 66 tal-proċess.
[24] Fol. 113 sa' 120 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 243/11.
[25] Dok. "MB2" a fol. 122 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 243/11.
[26] Dok. "MB3" a fol. 124 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 243/11.
[27] Dok. "MB4" a fol. 125 sa' 170 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 243/11.

taxxabbli - Lm80; Sena ta' stima 2003: Profitt Lm4,773; Dħul taxxabbli Lm4,773; Taxxa fuq id-dħul taxxabbli - Lm101; Sena ta' stima 2004: Profitt Lm4,888; Dħul taxxabbli Lm4,888; Taxxa fuq id-dħul taxxabbli - Lm88; Sena ta' stima 2005: Profitt Lm4,951; Dħul taxxabbli Lm4,951; Taxxa fuq id-dħul taxxabbli - Lm98; Sena ta' stima 2006: Profitt Lm4,834; Dħul taxxabbli Lm4,834; Taxxa fuq id-dħul taxxabbli - Lm80; Sena ta' stima 2007: Profitt Lm3,446; Dħul taxxabbli Lm3,446; Taxxa fuq id-dħul taxxabbli - Lm0[28].

Marco Borg kompla jiddikjara li *nhar l-24 ta' Ottubru 2008 id-Dipartiment tat-Taxxi Interni rċieva tmien formoli ta' aġġustament għas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006[29]... Permezz ta' tali formoli huwa ddikjara ... dħul minn imgħax lokali minn kotba tal-bank miżmuma l-Bank of Valletta fil-kontijiet numru 13401357048, 13401357051, 13401357035... Għalkemm saru l-aġġustamenti hawn fuq imsemmija fil-fehma tad-Dipartiment id-dikjarazzjonijiet ta' XXX xorta ma kienux ikopru d-dħul kollu tiegħu. Ladarba huwa baqa' ma ġabx id-dokumentazzjoni ripetutament mitluba l-Kummissarju ma kellux fuq xiex jistrieħ u żied id-dħul b'75% fuq il-cost of sales dikjarati. Ngħid ukoll li matul il-kors ta' l-investigazzjoni Vincent Saffrett, li l-investigazzjoni tiegħu kienet miexja flimkien ma' dik ta' XXX, ippreżenta dokumentazzjoni limitata. Kif jidher mid-dokument anness u markat bħala Dok. "MB6"[30] huwa ppreżenta biss in-nominal ledgers għas-sena bażi 2003 (sena ta' stima 2004). Irriżulta mit-Trial Balance as at December 2003 account bin-numru 7002 imsemmi bħala Directors remuneration li kien jammonta għal Lm17,000. Ngħid li dwar dawn il-flus, qatt ma ngħatat risposta adegwata la minn Vincent Saffrett, la minn XXX u lanqas minn Paul Camilleri (ir-rappreżentant ta' Vincent Saffrett u XXX). Għalhekk fit-2 ta' Marzu 2009, il-Kummissarju ħareġ tmien Avviżi ta' Likwidazzjoni (Oriġinali) għas-snin ta' stima 1999 sas-sena ta' stima 2006[31]. ... XXX oġġezzjona għall-istejjem maħruġa kontra tiegħu permezz ta' tmien Avviżi ta' Oġġezzjoni datati 7 ta' April 2009. Ir-raġuni mogħtija minnu kienet li: Gross Profit Margins as calculated by department are very high. 50% of turnover represent cigarettes sales (see attached)"[32] ... Ngħid illi fil-kors ta' l-oġġezzjoni XXX baqa' ma pprovdiex il-kotba tan-negozju (trade books) u dokumentazzjoni oħra mitluba mid-Dipartiment[33] ... sabiex il-Kummissarju jkun f'posizzjoni jagħmel il-verifiki tiegħu. Għalkemm l-uffiċjali tad-Dipartimnet baqgħu jinsistu dwar tali dokumentazzjoni, ladarba din ma ġietx ipprovduta kien hemm qbil li ser jiġi eżaminat fid-dettal ix-xiri li sar matul is-sena bażi 2004 bit-tama li jkun hemm żblokk fid-diskussjonijiet (kif jidher mill-minuta numru 54 li tinsab fil-file ta' Vincent Saffrett, u li llum jagħmel parti mill-proċess). L-irċevuti kollha li ġew ipprovduti lid-Dipartiment ġew analizzati f'żewġ listi. Lista kienet tikkonċerna x-xiri ta' sigaretti u l-lista l-oħra kienet tikkonċerna x-xiri l-ieħor ta'*

[28] Tabella Numru 1 a fol. 114 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 243/11.
[29] Dok. "MB5" a fol. 171 sa' 186 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 243/11.
[30] Fol. 187 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 243/11.
[31] Dok. "MB7" a fol. 188 sa' 203 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 243/11.
[32] Dok. "MB8" a fol. 204 sa' 227 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 243/11.
[33] Dok. "MB9" a fol. 228 sa' 232 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 243/11.

*'confectionery items'*[34] *... Mill-analiżi ta' din id-dokumentazzjoni d-Dipartiment seta' jifhem aħjar il-pożizzjoni ta' XXX u ċioè li l-bejgħ illi kellu mill-kiosk kien maqsum f'żewġ partijiet: (a) dak tal-bejgħ tas-sigaretti li fuqu kellhom profitt żgħir; u (b) l-bejgħ tal-prodotti l-oħra li fuqhom kellhom profitti ikbar. Għalhekk, f'dan l-istadju d-Dipartiment kien f'posizzjoni jirrevedi l-istejjem li kien għamel fl-istadju tal-verifika u l-uffiċjali inkarigati mill-istadju ta' l-oġġezzjoni ressqu proposti lir-rappreżentant tagħhom Paul Camilleri iżda, tali proposti baqgħu qatt ma ġew aċċettati*[35]*. ... Ngħid illi minkejja li ġiet ipprovduta dokumentazzjoni limitata għas-sena bażi 2004, informazzjoni oħra, li d-Dipartiment iqis bħala essenzjali (bħal bank statements u l-ledgers għas-snin l-oħra) baqgħet ma ġietx ippreżentata* [36] *... Ġialadarba d-Dipartiment kellu biss id-dokumentazzjoni relattiva għas-sena bażi 2004, l-uffiċjali li kienu qed imexxu l-istadju ta' l-oġġezzjoni użaw l-informazzjoni li kienet ġiet analizzata, u li għaliha saret referenza aktar 'l fuq, u analizzawha f'iktar dettal. Dan sar sabiex issir analiżi tax-xiri li kien isir mill-kiosk u dak li rriżulta huwa* - cigarettes Lm38,968, Drinks - Lm7,222, Food - ready for resale - Lm3,681 u Food - to be manufactured into finished item - Lm11,044 - Total Lm60,915. *Meta l-volum ta' xiri fl-ammont ta' Lm60,915 ġie mqabbel max-xiri li ġie iddikjarat fil-Profit & Loss account mehmuż mal-formola tat-taxxa ta' XXX għas-sena bażi 2004 (sena ta' stima 2005), ħarġet diskrepanza sostanzjali peress li t-total ta' xiri dikjarat minnu kien dak ta' Lm49,814. Dan ifisser illi kien hemm differenza ta' madwar 22% bejn ix-xiri skond l-informazzjoni li kellu f'idu d-Dipartiment u dak iddikjarat minn Vincent Saffrett fil-Profit & Loss account tiegħu għas-sena ta' stima 2005. Meta ġie stabbilit li x-xiri kien qiegħed jiġi 'understated' id-Dipartiment irriveda dak dikjarat minn XXX għas-sena in kwistjoni. Sabiex għamel dan, l-uffiċjali li kienu qed imexxu l-istadju ta' l-oġġezzjoni ħadu in konsiderazzjoni l-argumenti ta' XXX u r-rappreżentant tiegħu u ċioè li l-qligħ kien differenti skond il-prodott li kien qiegħed jiġi mibjugħ (sigaretti u prodotti ta' l-ikel). Ngħid illi minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni minn naħa tas-Sinjuri Carabott u Saffrett id-Dipartiment kellu jassumi li l-Mark up kien skond dak elenkat fit-Tabella Numru 5 t' hawn taħt* - ossia *Cigarettes - 4%; Drinks - 33%; Food - ready for resale 25%; Food - to be manufactured into finished item - 150%. Abbażi ta' hekk, id-Dipartiment aġġusta l-workings tiegħu bil-figuri ta' l-istock li Vincent Saffrett u XXX kellhom fil-bidu u fi tmiem is-sena*[37] *... Matul il-laqgħat li l-uffiċjali kellhom ma' XXX huma talbu d-depriciation schedule tal-capital allowances li għalihom XXX talab tnaqqis bħala parti mill-ispejjeż. Peress li l-ispjegazzjoni qatt ma ġiet mogħtija l-uffiċjali eliminaw tali spiża filwaqt li l-ispejjeż mitluba b'relazzjoni mat-telefonija ġiet imnaqqsa bin-nofs (dejjem peress li ma ngabet l-ebda dokumentazzjoni sabiex tissostanzja dik l-ispiża). Fit-Tabella Numru 7 t'hawn taħt qed jiġi muri kif id-Dipartiment wasal għal figura ta' qligħ minn negozju ta' Mario għas-sena bażi 2004:*

---

[34] Dok. "MB10" a fol. 233 sa' 241 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 243/11.
[35] Dok. "MB11" a fol. 242 u 243 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 243/11.
[36] Dok. "MB12" a fol. 244 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 243/11.
[37] Vide Tabella Numru 6 a fol. 117 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 243/11.

| | |
|---|---|
| | |
| *Gross Profit* | *21,385* |
| *Expenses as declared* | *7,998* |
| | |
| *Expenses disallowed* | |
| *Depreciation* | *1,970* |
| *Telephone expenses* | *125* |
| *Total expenses disallowed* | *2,095* |
| *Total expenses accepted* | *5,903* |
| *Revised Net Profit* | *15,482* |
| *50% share Vincent Saffrett* | *7,741* |

*L-uffiċjali tad-Dipartiment li kienu qed imexxu l-istadju ta' l-oġġezzjoni uzaw din il-bażi sabiex jaslu għal dak dovut fis-snin tas-stima l-oħra u ċioè is-snin ta' stima 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004 u 2006 biex b'hekk l-istima oriġinali ġiet imnaqqsa b'mod sostanzjali. Ngħid illi minkejja li saru dawn l-aġġustamenti u l-istima għal kull sena ta' stima ġiet imnaqqsa b'mod sostanzjali, xorta baqa ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet dwar id-dħul taxxabbli. Ngħid illi għalhekk fl-10 ta' Ottubru 2011, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ħareġ tmien Avviżi ta' Likwidazzjoni (Rifjut) għas-snin ta' stima 1999 sas-sena ta' stima 2006*[38] *... u fl-14 ta' Ottubru 2011 inħarġu tmien Avviżi ta' Rifjut ta' l-Oġġezzjoni*[39] .... u l-Avviż ta' Likwidazzjoni għas-sena ta' stima 2002 kien: Dħul Dikjarat Lm4,533, Dħul Assessjat Lm5,818, Taxxa Likwidata Lm316/€736.

Minn dak dikjarat minn Marco Borg jirriżulta li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2001 inħarġet fit-2 ta' Marzu 2009 (dik Oriġinali) u fl-10 ta' Ottubru 2011 (dik Riveduta). Siccome l-prospett tat-taxxa tar-Rikorrent għas-sena ta' stima 2001 ġie sottomess lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fl-10 ta' Ġunju 2002 [40] , mill-aspett **purament kronoloġiku** jista' jidher li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2000 inħarġet fil-konfront tar-Rikorrent oltre t-terminu ta' ħames snin previst fl-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa a bażi ta' dan li r-Rikorrent jissolleva l-aggravju preliminari tad-dekadenza a tenur ta' l-imsemmi Artikolu tal-Liġi.

[38] Dok. "MB14" a fol. 247 sa' 262 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 243/11.
[39] Dok. "MB15" a fol. 263 sa' 270 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 243/11.
[40] Fol. 141 sa' 145 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 243/11.

Il-Kummissarju tat-Taxxi però jilqa' għal dan l-aggravju billi jikkontendi li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2002 inħarġet fil-konfront tar-Rikorrent ai termini ta' l-Artikolu 31(7) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi li: *Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6) meta persuna: (a) tkun bagħtet prospett jew prospetti lill-Kummissarju u fihom ma tkunx żvelat il-fatti materjali kollha rilevanti għalbiex jiġi determinat l-income u t-tnaqqis permess; jew (b) bil-għan li tiġi evitata t-taxxa jew bi traskuraġni kbira jew konsapevoli tkun bagħtet lill-Kummissarju prospett li ma jkunx korrett u qarrieqi f'xi aspett materjali, stima jew stima addizzjonali taħt is-subartikolu (5) tista' ssir f'kull waqt wara ż-żmien stipulat skond ma hemm f'dan l-Att għar-rigward tal-konsenja tal-prospett tal-income għal dik is-sena.*

**Dekadenza a tenur ta' l-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta:**

A tenur ta' l-Artikolu 31(5) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta: *Meta l-Kummissarju jkun jidhirlu li t-taxxa li għandha titħallas minn persuna għas-sena ta' stima 1999 jew għal xi sena ta' stima sussegwenti tkun ġiet determinata f'ammont inqas minn dak li kellu jiġi ntaxxat, il-Kummissarju jista' wara li jqis dawk il-prospetti, kotba jew provi oħra, jekk ikun hemm, li jistgħu jinġiebu quddiemu jew jinkisbu minnu, skond l-aħjar dehen tiegħu jagħmel stima ta' l-income taxxabbli ta' dik il-persuna, it-taxxa li għandha titħallas fuqu u t-taxxa li għandha titħallas, jew li għandha titħallas lura lil dik il-persuna għal dik is-sena ta' stima, u meta l-Kummissarju wara li jkun għamel stima jkun tal-fehma li xi taxxa tkun ġiet stmata f'ammont inqas minn dak li kellu jiġi intaxxat, huwa jista', bl-istess mod, jagħmel stima jew stimi addizzjonali.*

Huwa ġuridikament assodat illi *l-iskop ta' din id-disposizzjoni hu li jassigura illi kull persuna sġġetta għat-taxxa tħallas l-ammont ta' taxxa li skond il-liġi hu verament dovut minnha u għalhekk jagħti diskrezzjoni lil Kummissarju li joħroġ assessments ġodda jekk hu jidhirlu illi għal xi raġuni, hi x'inhi, dik il-persuna ma kienetx ġiet intaxxata jew ma kienetx ġiet intaxxata kif imiss. ... Dak li jintitola lill-Kummissarju illi jagixxi kif kontemplat fl-imsemmija disposizzjoni tal-Liġi huwa l-fatt illi fl-opinjoni tiegħu t-taxpayer ma jkun ħallas xejn meta suppost kellu jħallas jew inkella ħallas ammont iżgħar minn dak li skond il-Liġi messu ħallas, mingħajr ma l-Liġi tagħmel ebda limitazzjoni a rigward tal-kawża jew raġuni li minħabba fiha l-fatt ikun ġara*[41]. Tali stimi addizzjonali però meta jinħarġu għandhom - ai termini ta' l-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta - jinħarġu mhux iktar kmieni miż-żmien preskritt taħt l-Artikolu 10(1) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jintbagħat il-prospett ta' l-income għal dik is-sena u **mhux iktar tard minn ħames snin minn tmiem is-sena li fiha kien intbagħat prospett ta' l-income jew**

[41] A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Appell Nru. 1/08, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Novembru 2008.

**prospett ulterjuri għal dik is-sena** jew li fiha tkun saret għażla taħt l-artikolu 12 għal dik is-sena. It-terminu statutorju ta' ħames snin ma jibqax japplika però meta l-Kummissarju jkun tal-fehma jew li t-taxpayer ikun bagħat prospett jew prospetti li fihom ma jkunx żvela l-fatti materjali kollha rilevanti għall-fini li jiġi determinat l-income u t-tnaqqis permess jew bil-għan li tiġi evitata t-taxxa jew bi traskuraġni kbira jew konsapevoli it-taxpayer jibgħat prospett li ma jkunx korrett u qarrieqi f'xi aspett materjali.

Jiġi osservat għalhekk illi meta l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jħoss li prospett ma jurix il-verità għandu mhux biss id-dritt iżda anki d-dover taħt il-Liġi li jagħmel stima *best of judgement* iżda huwa ma jistax u ma għandux jasal għal tali stima arbitrarjament imma wara li jeżamina l-fatti sewwa inkluż jekk ikun hemm il-kotba tan-negozju[42], u dana, fil-fehma tat-Tribunal, iktar u iktar meta l-istima tinħareġ fil-konfront tat-taxpayer oltre t-terminu statutorju ta' ħames snin a bażi ta' waħda minn jew addirittura ż-żewġ istanzi kontemplati u previsti fis-subartikolu 7 ta' l-Artikolu 31 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta.

## Il-Likwidazzjoni ta' Taxxa tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tar-Rikorrent:

Wara li kkonsidra l-provi prodotti quddiemu, kemm ix-xhieda prodotti kif ukoll id-dokumenti esebiti mill-partijiet kontendenti, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tar-Rikorrent għas-sena ta' stima 2002 ma hijiex affattu arbitrarja u lanqas ma hija eċċessiva, anzi ġustament inħarġet fil-konfront tiegħu għad illi oltre t-terminu statutorju ta' ħames snin stipulat fl-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta.

Paul Camilleri, l-accountant tar-Rikorrent u xhud ċentrali f'dawn il-proċeduri, jikkontendi li l-istima maħruġa mill-Kummissarju fil-konfront tar-Rikorrent hija eċċessiva għaliex l-istess Kummissarju arbitrarjament kkunsidra l-bejgħ kollu b'persentaġġ ta' qligħ qawwi mingħajr ma kkunsidra l-fatt li l-maggoranza tal-bejgħ tar-Rikorrent kienu sigaretti, li għandhom persentaġġ ta' qligħ ferm iktar baxx.

Fir-rigward fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2013[43], huwa ddikjara *b'mod ġenerali l-iktar li m'ahniex naqblu magħhom huwa l-working li għamlu l-persentaġġ tal-profit. ... Mhux ma naqblux mal-benchmark, jien li ma naqbilx l-iktar huwa l-fatt li huma ħadu l-bejgħ kollu b'persentaġġ qawwi, b'persentaġġ dak li huwa marbut ma' benchmark ta' catering. Però fir-realtà, ħafna, kwantità enormi tal-bejgħ tagħhom kien sigaretti u li s-sigaretti għandhom persentaġġ ħafna u ħafna inqas mill-catering, il-persentaġġ huwa baxx ħafna u meta qed ngħid baxx ħafna, huwa inqas minn 3 percent, jiġifieri*

[42] A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Kawża Nru. 156 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Ottubru 1991 - Decisions of the Court of Appeal, Vol. 4 pg. 318.
[43] Fol. 47a sa' 47f tal-proċess.

*inqas minn 3%, fejn inti fil-catering għandek 30 jew 40 jew 50% imma s-sigaretti jħallu dak il-profit biss.* Iddikjara wkoll li a bażi tad-dokumenti w invoices li kellu r-Rikorrent huwa ipprepara dokument biex juri lill-Kummissarju tat-Taxxi dak minnu konstatat u pretiż, dokument dan li *lid-dipartiment għaddejtulu* - id-dokument Dok. "PC" a fol. fol. 241 tal-proċess fl-ismijiet "Vincent Saffrett v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 235/11 - *kien hemm ċertu wieħed Paul Briffa li kien qed jaħdem fuqu u għaddejtulu biex nurih li s-sales ma kienux biss catering items imma kien hemm ħafna ammonti li huma sigaretti, jiġifieri meta qed ngħid li f'sales f'sena partikolari qed nitkellmu li kien hemm, qed immur fl-ewwel waħda kien hemm 61,000 sales, kif ħadmuha d-dipartiment, minnhom kien hemm 30,000 jiġifieri nofsu li kienu sigaretti, mentri d-dipartimnet ħadu kollu bil-persentaġġ għoli. Dik jiġifieri, hemm ovvjament li ma stajtx naqbel magħhom jien għax kien qiegħed jgħolli l-profit enormi, u dan ġara fis-snin kollha li sar dan l-audit.*

Mistoqsi *dan l-argument meta qajjimtu ma' tat-taxxa, x'kienet ir-reazzjoni tagħha?* Paul Camilleri wieġeb *jiena kont bqajt fil-fatt, meta konna qed niddiljaw ma' Paul Briffa kien qalli issa ħa nara biex inkun nista' naġġusta accordingly. Għadda ż-żmien jien ma smajt xejn iżjed mingħand Paul Briffa, meta ċċekjajt mad-dipartiment x'ġara u x'ma ġarax. ... Ippruvajt infittex lil Paul Briffa jiena imma qaluli li ma kienx għadu jaħdem hemm u waqfet hemm. Wara din il-biċċa xogħol kienet kellmitni ċerta Rosalie Decelis fejn qaltli li qishom qed jerġgħu jibdew jagħmlu l-workings tagħhom mill-ġdid. ... Iltqajna però meta ltqajna reġgħu ħarġu b'figura li kienet totalment ħafna 'l bogħod milli konna qed nuru aħna fil-workings tagħna. Għax baqgħu xorta qed jaħdmu ċertu affarijiet bil-mod ta' kif riedu huma hux. ... Jiġifieri b'dak il-persentaġġ għoli.* Mistoqsi *issa inti x'għamilt meta ġejt rinfaċċjat b'dan il-persentaġġ għoli, iltqajt magħhom, spjegajtilhom?* Paul Camilleri wieġeb *iva spjegajtilhom u konna ġa bgħatnielhom il-karti kollha, dan kemm ħa ndumu ngħidulhom, jiġifieri apparti minn hekk dawn raw il-karti. ... imbagħad ma kienx hemm iżjed karti x'nagħtuhom għax il-karti kienu kollha hemm qegħdin. ... Bagħtu għalina biss biex jgħidulna imsa' l-ammonti huma dawn u ovvjament aħna ma stajniex naċċettawhom dawk iċ-ċifri kif kienu qed jippreżentawhom huma. ... Imbagħad irċevejna l-avviż.*

Meta reġa xehed waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar 2016[44], Paul Camilleri ddikjara: *l-ewwel ħaġa kważi nsejt din l-investigazzjoni meta bdiet għax tant ilna snin twal u l-investigazzjoni kienet tiċċentra li kien qed jiġi allegat illi dawn ma ddikkjarawx il-profitt kif kienu qed jaqilgħu. Fil-fatt lid-Dipartiment tat-Taxxa konna tajniehom l-affarijiet u l-informazzjoni kollha, il-kotba kollha u l-irċevuti etc. jiġifieri l-karti kollha kienu għandhom. L-ewwel ħaġa matul din l-investigazzjoni inbiddlu ħafna nies li kienu qed jaħdmu fuqha.* Għall-mistoqsija *kif inċidiet it-tibdil tan-nies matul din l-investigazzjoni?* Paul Camilleri wieġeb *l-effett kien li kien jidher li ma kienx hemm handover qisu minn wieħed għall-*

---

[44] Fol. 68 sa' 70 tal-proċess.

*ieħor però l-iżjed ħaġa importanti kienet li meta ħadmu l-profitt, huma ħadmu bi profit margin ta' 43% fuq il-purchases li ġew iddikjarati mill-klijenti però kien hemm ħaġa waħda li ovvjament kienet qed teffettwa ħafna dan il-profitt għaliex kważi nofs il-purchases u allura nofs is-sales kienu sigaretti li żgur m'għandhomx profit margin ta' 43% imma huwa iżjed ħafna viċin il-1 to 2%. … tant kienet ċara din il-ħaġa w urejnihom anki samples tax-xhur li talbunha u rajna li veru kien hemm dawk il-purchases tas-sigaretti, li ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn ma tiġix aġġustata dan l-assessment kif ħareġ, almenu fl-opinjoni tiegħi. Dan anki bil-fatti u kien qed jidher ċar li dan kien hemm kalkolu ħażin mid-Dipartiment. Li imbagħad indumu għaxar snin biex ngħidu li veru kien hemm żball hija xi ħaġa totalment differenti imma dik hija xi ħaġa oħra.* Mistoqsi *għedtlu u fissirtlu li kien hemm żball?* Paul Camilleri wieġeb *iva għedtlu wkoll u bgħatt ukoll u għandi l-karta hawnhekk* - Dok. "PC" a fol. 272 tal-proċess fl-ismijiet "Vincent Saffrett v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 235/11, li huwa l-istess bħad-dokument li ġia kien ġie esebit minn Paul Camilleri a fol. 241 tal-proċess imsemmi - *u din hija karta li suppost qiegħda fil-file tagħhom ukoll nispera fejn ħdimt kif ħadmuha huma fejn għamilt kif ħadmuha huma, irranġajt id-differenza tal-purchases ovvjament minħabba tas-sigaretti allura naqqasna l-profitt minn hemmhekk u nsibu li bejn wieħed u ieħor qegħdin fejn konna qed ngħidu aħna.* Għall-mistoqsija *allura kif spiċċajt hawnhekk?* Paul Camilleri wieġeb *m'għandi l-ebda raġuni u tistaqsihiex lili dik u mhux jiena spiċċajt hawnhekk, spiċċajna hawnhekk fis-sens li aħha irċevejna assessments li qatt ma ġew irranġati.*

In kontro-eżami[45] Paul Camilleri ġie mistoqsi meta d-dokument minnu esebit a fol. 241 tal-proċess fl-ismijiet "Vincent Saffrett v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 235/11 u mill-ġdid a fol. 272 tal-proċess imsemmi ġie mgħoddi lill-Uffiċjali tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u huwa wieġeb *ma niftakarx imma dak id-dokument kien inħadem wara li d-dipartiment kien qed jaħdem il-marġin tal-profitt fuq is-sales kollu sħiħ u ma kienx qed jieħu into consideration is-sales tas-sigaretti li kienu qed jinbiegħu mill-kiosk u b'hekk sar dak id-dokument biex nuru li kien hemm diskrepanza qawwija fil-profit margin hemmhekk.* Mistoqsi ulterjorment *inti għedt 'allura għalfejn spiċċajna hawnhekk' fuq mistoqsija 'm'għandi l-ebda raġuni u tistaqsihiex lili dik u mhux jiena spiċċajt hawnhekk, spiċċjana hawnhekk fis-sens li aħna rċevejna assessments li qatt ma ġew irranġati", tista' tispjega x'ridt tgħid meta għedt hekk?* Paul Camilleri wieġeb *faċli ħafna, hemmhekk kull ma qed ngħid huwa illi d-dipartiment kien jaf diġà at that stage meta aħna bagħtna dik il-karta waqt li kienet qed issir anki l-investigation, kien jaf diġà li kien hemm miscalculation minn naħa tad-dipartiment, daqshekk biss u r-realtà hija dik hux.* Mistoqsi ulterjorment *jiġifieri dik* (ossia l-workings kif avvanzati minn Paul Camilleri) *baqgħet ma ġietx aċċettata mid-dipartiment?* Paul Camilleri wieġeb *hekk jidher avolja d-dipartiment raha, tajniehom il-karti jiġifieri raw il-purchases veru tas-sigaretti li kien hemm, li kien hemm ammont sostanzjali għax huma kienu*

[45] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 2016, fol. 72 sa' 79 tal-proċess.

*qed jikkalkulaw naturalment fuq dak li kien qed jinxtara imbagħad jikkalkulaw il-profitt fuqu, jien sa' fejn naf jien ma nbidel xejn tant hu veru li għad hemm l-ammonti mitlubin sa' fejn naf jiena.* Mistoqsi wkoll *fl-istadju ta' verifika, jiġifieri l-assessments li ħarġu kienu 119,074 u dawn naqsu fi stadju ta' oġġezzjoni 57,517 jiġifieri tnaqqis ta' 'l fuq minn 50%, inti jiġifieri ma tafx li kien hemm dan it-tibdil jiġifieri li fir-rifjut l-ammont li ħareġ ta' l-istima ta' likwidazzjoni kien in-nofs ta' dak li ħareġ fl-istima fl-assessment oriġinali?* Paul Camilleri wieġeb *le, jista' jkun li kien hemm il-bdil però xorta ma jeffettwax jekk tara l-working li għamilna aħna.* Mistoqsi ulterjorment *inti għadek kif għedt li ma tbiddel xejn bejn l-assessment oriġinali u l-assessment ta' rifjut?* Paul Camilleri wieġeb *sa fejn naf jien ma nafx li kien inbidel ... le ma niftakarx assolutament hux, allaħares noqgħod niftakar tal-klijenti kollha, hija xi ħaġa impossibbli hux.* Mill-ġdid mistoqsi *ma tiftakarx li l-assessment naqas bi kważi aktar minn 50%?* Paul Camilleri wieġeb *le ma niftakarx, ma jidhirlix li rajtu jien.*

Dak kollu allegat u pretiż minn Paul Camilleri però jinsab għal kollox kontradett u imxejjen mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi, inkluż il-file tad-Dipartiment relattiv għar-Rikorrent u għas-snin ta' stima mertu ta' dawn il-proċeduri u tal-proċeduri fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nri. 243/11 sa' 248/11 u 250/11, li ġie esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' Nota ippreżentata fit-3 ta' Ġunju 2015.

**Nuqqas ta' produzzjoni ta' dokumentazzjoni kollha mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni:**

Jibda biex jiġi osservat li kuntrarjament għal dak affermat minn Paul Camilleri, mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa Oriġinali għas-sena ta' stima 2002 maħruġa fit-2 ta' Marzu 2009 għall-Likwidazzjoni ta' Taxxa Riveduta għas-sena ta' stima 2002 maħruġa fl-10 ta' Ottubru 2011, liema l-aħħar Likwidazzjoni ta' Taxxa hija kontestata b'dawn il-proċeduri, it-taxxa pretiża mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni naqset sostanzjalment. Di fatti fejn oriġinarjament ir-Rikorrent kien qed jiġi mitlub iħallas is-somma ta' €7,987 bħala taxxa, oltre taxxa addizzjonali w imghax, in segwitu għall-istadju ta' l-oġġezzjoni huwa qed jiġi mitlub iħallas is-somma ta' €736 bħala taxxa, oltre taxxa addizzjonali w imgħax.

Din id-diskrepanza notevoli fil-*quantum* tat-taxxa pretiża mill-Kummissarju tat-Taxxi hija riżultat tal-fatt li fejn il-Likwidazzjoni ta' Taxxa Oriġinali kienet ibbażata purament fuq assunzjonijiet li l-Kummissarju tat-Taxxi Intenri kien kostrett jagħmel minħabba nuqqas ta' dokumenti u ko-operazzjoni da parte tar-Rikorrent, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa Riveduta kienet bbażata fuq informazzjoni, għad illi limitata, provduta mir-Rikorrent u li a bażi tagħha l-Kummissarju seta' jkollu stampa kemm xejn iktar ċara ta' l-operat tan-negozju tar-Rikorrent u b'hekk dwar il-veraċità ta' dak minnu dikjarat fil-prospetti tat-taxxa tiegħu għas-snin in kwistjoni.

Għalkemm tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri r-Rikorrent ipprova jikkonvinċi lit-Tribunal li huwa ta lill-Kummissarju d-dokumentazzjoni kollha lilu mitluba, mill-provi prodotti - u dana b'mod partikolari mill-file tad-Dipartiment relattiv għar-Rikorrent - jirriżulta b'mod ċar li huwa ma ipprovdiex lill-Kummissarju bid-dokumentazzjoni kollha mitluba. Li d-dokumentazzjoni kollha miltuba ma ngħatatx kollha lill-Kummissarju jirriżulta ikkonfermat ukoll mill-fatt li l-ledgers ghas-sena bażi 1999 u għas-sena bażi 2000 ġew esebiti biss fil-mori ta' dawn il-proċeduri; dwar dawn id-dokumenti t-Tribunal se jagħmel ir-rimarki tiegħu iktar 'l quddiem f'din id-deċiżjoni. Bħala fatt id-dokumentazzjoni, għall-inqas in parte, li l-Kummissarju kellu u għandu a disposizzjoni tiegħu u li ġiet sottomessa biss fl-istadju ta' l-oġġezzjoni, hija dik relattiva għas-sena bażi 2004 u għalhekk kien kostrett li jaħdem id-dħul tar-Rikorrent għal din is-sena bażi partikolari u, fin-nuqqas ta' dokumenti għas-snin bażi l-oħra li kienu mertu tal-verifika u konsegwenti oġġezzjoni, japplika l-konsiderazzjonijiet u konstatazzjonijiet minnu magħmula għas-snin ta' stima l-oħra, inkluż għalhekk is-sena ta' stima 2002.

In kwantu rigwarda dawk li Paul Camilleri jsejħilhom ledgers għas-snin bażi 1999 u 2000, it-Tribunal josserva li l-istess Paul Camilleri ma kienx f'posizzjoni jikkonferma l-korrettezza u veraċità ta' dak indikat f'dawn il-ledgers partikolarment meta pparagunat ma' dak dikjarat mir-Rikorrent lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. In effetti fix-xhieda in kontro-eżami waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru 2016[46], Paul Camilleri ppremetta b'mod enfatiku li *jiena l-ewwel haġa nixtieq niċċara xi ħaġa importanti illi dawk is-snin imsemmija jiġifieri kemm mis-sena 1999 sas-sena 2004, mhuwiex xogħol li għamilt jiena imma huwa xogħol li kien għamel xi ħadd ieħor qabli u jiena sempliċement ħadt l-informazzjoni mingħandhom. ...* Mistoqsi *int kont ippreparajthom jew kien ippreparahom xi ħaddieħor u inti ġitbhom mingħandhom?* Paul Camilleri wieġeb *mis-sena 1999 sas-sena 2004 ma kontx nieħu ħsiebhom jiena jiġifieri kkumpilahom xi ħaddieħor. Naturalment jiena ġbidt l-informazzjoni minn fuqhom meta konna qegħdin naħdmu imbagħad meta bdejna ma konniex qed naqblu bażikament.* Mistoqsi wkoll *minn analiżi ta' l-accounts li ġew ippreżentati għas-snin ta' stima 2000 u 2001 joħroġ li għas-sena bażi 1999 l-impriża kellha bejgħ ta' taxable sales ta' 17,703 u non-taxable sales ta' 3,860, jiġifieri total ta' 21,563. Inti tikkonferma dan jekk jogħġbok?* Paul Camilleri wieġeb *jekk ir-records qegħdin jgħidu hekk iva nikkonfermah. Qed ngħidlek ma ippreparajthomx jiena u int qed tistaqsieni fuq sena li ma ppreparajtx jiena lanqas.* Mistoqsi ulterjorment *kif tispjega li fit-trading profit and loss account ippreżentati mal-formola tat-taxxa ta' Vincent Saffrett u XXX il-bejgħ kien Lm50,550 jew jogħġbok?* Paul Camilleri wieġeb *ma nistax ngħidlek għaliex ma għamilthomx jiena* u mistoqsi *tista' tgħidilna min kien għamilhom jekk jogħġbok?* huwa wieġeb *ma niftakarx x'jismu eżattament imma l-klijent ikun jista' jikkonfermalna dan l-eżatt.* Mistoqsi wkoll *issa ara tistax tirrispondi din id-domanda jekk jogħġbok. Għas-sena bażi 2000 bejgħ fil-ledgers għandu total*

[46] Fol. 84 sa' 91 tal-proċess.

*ta' 25,060 filwaqt li fil-profit and loss sottomessi flimkien mal-formoli tat-taxxa huwa dak ta' 75,969. Tista' tispjega din id-differenza jekk jogħġbok?* Paul Camilleri wieġeb *naħseb l-istess risposta ta' qabel se nagħtik għaliex kif qed ngħidlek ma għamilthomx jiena. ... Jekk ma għamiltomx jiena ma nistax nispjega żgur.* Mistoqsi wkoll dwar għadd ta' invoices għas-sena ta' bażi 2004, Paul Camilleri irrifjuta li jwieġeb dwarhom in kwantu skontu mhux hu ħadem fuqhom.

Fid-dawl ta' dak kollu li rriżulta mix-xhieda ta' Paul Camilleri waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru 2016 u fid-dawl tad-diskrepanzi mhux spjegati li hemm bejn il-ledgers għas-snin bażi 1999 u 2000 u l-profit and loss accounts sottomessi mir-Rikorrent għall-istess snin bażi flimkien mal-prospetti tat-taxxa tiegħu għas-snin ta' stima relattivi, it-Tribunal qajla jista' jagħti valur u piż probatorju lil dawn l-istess ledgers.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ir-Rikorrent ma huwiex affattu ġustifikat li jikkritika l-operat tal-Kummissarju tat-Taxxi u jallega li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa minnu għas-sena ta' stima 2002 hija arbitrarja in kwantu bbażata fuq assunzjonijiet u dan għar-raġuni li kien l-istess Rikorrent li bin-nuqqas ta' ko-operazzjoni f'kull stadju tal-vertenza mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, wassal lill-Kummissarju tat-Taxxi biex ma setgħax jagħmel mod ieħor għajr li jibbaża ruħu fuq ċerta assunzjonijiet u li jibbaża l-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2002 fuq konsiderazzjonijiet magħmula relattivament għas-sena ta' stima 2005.

**Xhieda ta' Paul Camilleri:**

F'dan l-istadju t-Tribunal iħoss li għandu jissofferma ruħu fuq l-attendibilità tax-xhud Paul Camilleri in kwantu mix-xhieda tiegħu rriżultaw diversi kontradizzjonijiet u ċirkostanzi inspjegabbli li serjament jimpinġu fuq il-kredibitilità w attendibilità tiegħu.

It-Tirubnal baqa' ferm perpless kif Paul Camilleri, illi assissta lir-Rikorrent tul il-proċess kollu ta' verifika w oggezzjoni li wassal għall-ħruġ tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa Riveduta għas-sena ta' stima 2002, iddikjara li skontu ma kien hemmx tnaqqis mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa Oriġinali għal dik Riveduta, hawn kontestata, jew ta' l-inqas ma setax jiftakar li kien hemm tali tnaqqis, jekk kien hemm.

Għalkemm huwa minnu li għadda ċertu ammont ta' żmien bejn l-istadju tal-verifika u oġġezzjoni u l-istadju ta' l-appell odjern, it-Tribunal jemmen li daqs kemm Paul Camilleri deher ippreparat u bil-memorja friska dwar ċerta aspetti tax-xhieda tiegħu - partikolarment dawk fejn skontu kien qed isaħħaħ il-posizzjoni u kontestazzjoni tar-Rikorrent vis-à-vis il-Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwistjoni - kellu jkun daqstant ieħor ippreparat u bil-memorja friska dwar ċerta aspetti oħra, aspetti dawn li inċidentalment jimpinġu b'mod negattiv fuq il-posizzjoni u kontestazzjoni tar-Rikorrent.

Din il-perplessità effettivament tiżdied meta fil-11 ta' Jannar 2016, ossia ben sitt xhur wara li l-file tad-Dipartiment dwar ir-Rikorrent ġie esebit fl-atti ta' dawn il-proċeduri fuq talba ta' l-istess Rikorrent, Paul Camilleri baqa' jinsisti li ma nbidel xejn bejn il-Likwidazzjoni ta' Taxxa Oriġinali u dik Riveduta jew li ma jiftakarx li kien hemm tali bdil, ossia tnaqqis. It-Tribunal ma jistax jifhem kif wara li r-Rikorrent għamel tant enfasi fuq il-bżonn li l-file tiegħu jiġi esebit f'dawn il-proċeduri, bżonn li del resto t-Tribunal jassekonda, jidher li l-accountant tiegħu stess donnu lanqas indenja ruħu jara dan il-file, imqar biex jirrinfreska l-memorja dwar ċerta aspetti tal-vertenza in kwistjoni, in partikolari dwar l-eżitu ta' l-oġġezzjoni sottomessa mir-Rikorrent liema oġġezzjoni għad illi ma ġietx milqugħa fis-sens li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ma ġietx revokata *in toto,* xorta waħda kellha impatt in kwantu l-Likwidazzjoni ta' Taxxa naqset b'mod konsiderevoli.

Apparte minn dan kollu, għalkemm Paul Camilleri ripetutament iddikjara li ma kienx hemm tnaqqis bejn il-Likwidazzjoni ta' Taxxa Oriġinali u dik Riveduta, jew għall-inqas ma jiftakarx li seta' hemm tali tnaqqis, Vincent Saffrett, sieħeb fin-negozju mar-Rikorrent, iddikjara li huma kienu konxji minn dan it-tnaqqis u li kien l-istess Paul Camilleri li kien qallilhom dwar dan. In effetti fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-6 ta' April 2017[47], mistoqsi *l-istima tal-Kummissarju, għax il-Kummissarju kien ħarġilkom kont, intom kontu spjegajtu xi affarijiiet wara l-kont u dan kien naqqsilkom b'iktar min-nofs. Inti kont taf li dan kien naqas jekk jogħġbok?* Vincent Saffrett wieġeb *kien qalli xi ħaġa l-accountant is-Sur Camilleri* u mistoqsi ulterjorment *jiġifieri l-accountant kien jaf illi kien hemm it-tnaqqis fl-istima jekk jogħġbok?* Vincent Saffrett bla ebda eżitazzjoni ta' xejn wieġeb *iva mela.* Mistoqsi wkoll *jigifieri intom kontu nfurmajtuh illi kien hemm dan it-tnaqqis u kontu urejtuh hux hekk?* Vincent Saffrett wieġeb *le mhux aħna dak għaliex kollox hu kien jieħu ħsieb.*

Fid-dawl ta' dan, it-Tribunal assolutament ma jistax jifhem l-iskop wara l-posizzjoni adottata minn Paul Camilleri li jirrifjuta li jgħid b'mod ċar li hemm tnaqqis bejn il-Likwidazzjoni ta' Taxxa Oriġinali u l-Likwidazzjoni ta' Taxxa Riveduta.

Element ieħor ta' kontradizzjoni li ħarġet mix-xhieda ta' Paul Camilleri huwa dwar min kien jipprepara l-accounts għar-Rikorrent. Meta xehed l-ewwel darba waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2013[48], Paul Camilleri beda x-xhieda tiegħu billi ddikjara li ir-Rikorrent u XXX huma entrambe klijenti tiegħu u jzommilhom il-kotba ta' l-accounts. Mistoqsi *kemm ilek tagħmlilhom dan ix-xogħol?* huwa wieġeb *naħseb mill-2000 żgur, qed nitkellem b'mod ġenerali.* Meta però ġie biex jispjega l-ledgers għas-snin bażi 1999 u 2000 u d-diskrepanzi li rriżultaw bejnhom u l-Profit & Loss Accounts tar-Rikorrent għall-istess snin, Paul Camilleri ddikjara li dawk ma kienux ippreparati minnu. Huwa addirittura

---

[47] Fol. 420 tal-proċess fl-ismijiet "Vincent Saffrett v. Kummissarju tat-Taxxi" Rik. Nru. 235/11.
[48] Fol. 48a sa' 48f tal-proċess.

ddikjara li l-accounts li nżammu sas-sena 2004, ossia ben erba' snin wara li skontu hu kien iżomm il-kotba tar-Rikorrent, ma nżammux minnu.

It-Tribunal għalhekk itenni li fid-dawl ta' dawn id-diskrepanzi Paul Camilleri ma jistax jitqies bħala xhud attendibbli u kredibbli.

**Under-declaration tax-xiri/under-declaration tal-bejgħ u profit margin applikat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni:**

Trattata l-attendibilità u kredibilità tax-xhud Paul Camilleri, it-Tribunal ser jgħaddi issa biex jeżamina l-konsiderazzjonijiet u konstatazzjonijiet magħmula mill-Kummissarju tat-Taxxi biex wasal għall-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2002 li nħarġet fl-10 ta' Ottubru 2011, ossia l-Likwidazzjoni ta' Taxxa kontestata b'dawn il-proċeduri.

Kif jirriżulta b'mod ċar mill-affidavit ta' Marco Borg u mid-dokumenti annessi miegħu, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa Riveduta għas-sena ta' stima 2002 hija ibbażata fuq konstatazzjonijiet li jieħdu in konsiderazzjoni l-fatt li parti sostanzjali min-negozju tar-Rikorrent jinvolvi l-bejgħ ta' sigaretti li bħala prodott għandhom persentaġġ ta' profitt baxxa ħafna a paragun ta' prodotti oħra mibjugħa mir-Rikorrent.

Il-punto di partenza tal-konsiderazzjonijiet li wasslu għall-ħruġ tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa fil-konfront tar-Rikorrent huwa l-fatt li mid-dokumentazzjoni li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni kellu f'idejh relattivament għas-sena bażi 2004 irriżulta li r-Rikorrent kien qed jagħmel *under-declaration* tax-xiri tiegħu ta' madwar 22%, liema *under-declaration* tax-xiri kienet tissarraf f'*under-declaration* tal-bejgħ ukoll ta' madwar 22%. Stranament dan l-aspett partikolari tal-konsiderazzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ġie trattat b'mod marġinali ħafna da parte tar-Rikorrent u assolutament injorat mix-xhud Paul Camilleri li invece għażel li jillimita ruħu li jattakka l-*profit margin* għoli ħafna applikat mill-Kummissarju tat-Taxxi fl-istadju li wassal għall-ħruġ tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa Oriġinali, liema *profit margin* ġie insegwitu rivedut u applikat b'mod iktar realistiku u viċin għan-negozju ġestit mir-Rikorrent fl-istadju ta' l-oġġezzjoni.

Ir-Rikorrent ipprova jattakka l-konstatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi dwar l-*under-declaration* tax-xiri ravviżata minnu tramite mistoqsijiet magħmula lil Gorg Borg, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, waqt is-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2012[49].

---

[49] Fol. 46a sa' 46n tal-proċess.

Waqt din is-seduta Gorg Borg ippreżenta dokumenti markati Dok. "KTP1" sa' Dok. "KTP4" a fol. 209 sa' 219 tal-proċess fl-ismijiet "Vincent Saffrett v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" u fir-rigward iddikjara li: *id-dokument ippreparat min-naħa ta' l-assessur, ġabar l-invoices ġew ikkumpilati minnu, ċertu Paul Briffa, u ġew iċċekkjati minn Rosalie Decelis. Issa KTP2 jirreferi għal xiri ieħor, mhux sigaretti, KTP3 hija dokument li l-appellant atteċċja ma' l-oġġezzjoni tiegħu u KTP4 huwa amended profit and loss schedule kif ippreżentaha it-taxpayer. Nerġgħu mmorru għax-xiri tat-2004, il-listi li għandna KTP1 u KTP2, dawn meta ġew ittotalizzati ġew sittin elf disa' mija u ħmistax, meta ċċekkjajna x'iddikjara l-appellant fl-accounts tiegħu sibna li fit-2004 iddikjara li kellu xiri disa' u erbgħin elf tmien mija u erbatax u li dan kien qed jidher li hemm under-declaration of purchases. Issa under-declaration of purchases jindika li hemm ukoll under-declaration of sales. ... Minħabba li hemm scaling down tal-business, tiddikjara inqas xiri u tiddikjara inqas bejgħ u allura tiddikjara anqas profitt.* Hawn Gorg Borg ġie mistoqsi mid-difensur tar-Rikorrent *imma investigajt li forsi dak ix-xiri kien għalih, kien għall-familja għax dan ta' Mannarino tal-gabbana ta' Mannarinu, forsi z-zokkor kienu qed jiekluh huma l-familja tiegħu?* U għal tali mistoqsija wieġeb *imma aħna tlabna d-dokumentazzjoni li jappartjeni lill-business, ma tlabniex id-dokumentazzjoni tiegħu personali.* Għall-mistoqsija ulterjuri *imma meta tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li din il-gabbana ta' Mannarino hija gabbana ta' ġestjoni familjari, jiġifieri inti eskludejt dan il-każ? Dan l-element ta' inċestwożità li jista' jkun hemm prodotti tan-negozju għalihom personali?* Gorg Borg irrisponda *aħna tlabna d-dokumentazzjoni, mhux jiena d-dipartiment, id-dipartiment talab id-dokumentazzjoni tal-business u ppretenda li jieħu d-dokumentazzjoni tal-business.* Mistoqsi ulterjorment *mela qed ngħid sew li d-dipartiment assuma li x-xiri kollu ntuża għan-negozju u ċertament l-ebda porzjoni tax-xiri, tenut kont hawnhekk għandha każ ta' ikel ma ntużax għall-bżonnijiet tal-familja ta' Mannarinu?* Gorg Borg irrisponda: *aħna ma rridux nimxu fuq assunzjoni eżatt, ... aħna rridu nimxu fuq il-kotba li fit-2004 ma ġewx sottomessi, jekk xejn kellu joħroġ mill-kotba dana. Jekk il-kotba tan-negozju kienu qed jidhru disa' u erbgħin elf tmien mija u erbatax jindika wkoll liema invoices jappartjenu għall-business u liema invoices ma jappartjenux għall-business, allura sta għat-taxpayer li jgħdilna isma' dawn l-invoices tal-business u dawn huma l-invoices personali, tehduhomx in konsiderazzjoni. Dak ma għandux jagħmilha d-dipartiment naħseb jien, għandu jagħmilha t-taxpayer, allura ladarba t-taxpayer jippreżenta lista ta' xiri fuq talba tad-dipartiment, sta għat-taxpayer li jippreżenta din id-dokumentazzjoni biss li għandu x'jaqsam mal-business. Nerġa' ngħid ukoll li għall-lista li qed tgħid hawnhekk ta' sittin elf disa' mija u hmistax li ddikjaraw huma fl-accounts xi qisu ħdax-il elf li dawn ħdax-il elf, qed tgħid illi niddubita, hawnhekk ma għandix il-figuri imma niddubita jekk iddikjarawx bejniethom ħdax-il elf lira qligħ jew jekk iddikjarawjom mhux b'wisq ħafna, vuol dire d-differenza, jiġifieri dan jirrifletti dan il-qligħ kollu. Il-qligħ kollu nefquh f'sigaretti, beverages għall-konsum personali.* Mistoqsi wkoll *issa jiġigieri d-dipartiment tat-taxxi qed jitlaq mill-premessa li l-familja Mannarino li hija familja li tikkomprendi numru ta' nies, meta tixtri l-ikel qisha kellha bżonn tagħmel tax accounting bejn l-ikel tal-familja u l-ikel tan-negozju?*

Gorg Borg wieġeb *ma aħniex ngħidu hekk aħna*. Mistoqsi *mela x'kontu qed tippretendu?* huwa wieġeb *meta konna qed nippretendu d-dokumentazzjoni jagħtina d-dokumentazzjoni li tappartjeni għall-business. Id-dokumentazzjoni li tappartjeni lill-familja ma għandniex bżonna aħna.*

Fil-fehma tat-Tribunal l-iskop ta' dawn il-mistoqijiet ma kien xejn għajr li jipprova jgerfex lix-xhud Gorg Borg u jisgwida lil dan it-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet li għandu jagħmel. Huwa għal kwantu dubjuż u b'hekk difficilment aċċettabbli kemm taxpayer - li del resto u per di più kien assisstit u rappreżentant minn accountant tul il-vertenza kollha mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni - mitlub jissottometti d-dokumentazzjoni pertinenti għan-negozju tiegħu, jissottometti wkoll f'dik id-dokumentazzjoni, **u dana bla ebda distinzjoni ta' xejn**, dokumentazzjoni pertinenti għalih personali u għall-familja tiegħu, li fl-aħħar mill-aħħar tista' twassal għal konsiderazzjonijiet distorti dwar negozju tiegħu. Apparte l-fatt li dak pretiż fil-filo conduttore tal-mistoqsijiet li saru lil Gorg Borg ma huwiex affattu kredibbli, minn imkien mill-provi prodotti mir-Rikorrent ma rriżulta li fost id-dokumentazzjoni skarsa u skarna li pprovda lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni kien hemm inkluża dokumentazzjoni mhux konnessa ma' u relatata għan-negozju tiegħu.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk it-Tribunal iqis li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ġustament wasal għall-konkluzzjoni li kien hemm *under-declaration* tax-xiri, u per konsegwenza *under-declaration* tal-bejgħ, da parte tar-Rikorrent u li applikata tali *under-declaration* mal-*profit margin* rivedut - liema *profit margin* issa jieħu in konsiderazzjoni d-diversi *profit margins* tal-prodotti mibjugħa mir-Rikorrent, inkluż is-sigaretti - jagħti l-qligħ tar-Rikorrent kif determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi u dana kif ben imfisser fl-affidavit ta' Marco Borg fit-Tabelli 7 u 8 a fol. 118 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 243/11.

**Deduzzjonijiet:**

Aspett ieħor li jikkaratterizza l-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2002 maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent huma d-deduzzjonijiet u spejjeż dikjarati mir-Rikorrent fil-prospett tat-taxxa tiegħu għall-imsemmija sena ta' stima u li ma ġewx aċċettati fl-intier tagħhom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni minħabba nuqqas ta' prova sodisfaċenti dwar l-istess. Dan l-aspett partikolari ma ġie trattat bl-ebda mod mir-Rikorrent u mix-xhud Paul Camilleri. Di fatti kull ma għamel Paul Camilleri hu li fid-dokument markat Dok. "PC" minnu esebit a fol. 241 tal-proċess fl-ismijiet "Vincent Saffrett v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" u mill-ġdid a fol. 272 tal-proċess imsemmi, li bih jittenta juri li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent, inkluża dik hawn kontestata, huma eċċessivi, reġa daħħal u b'hekk ħa in konsiderazzjoni l-*expenses as declared* fil-prospetti tat-taxxa tar-Rikorrent u rega' żied u b'hekk ħa in konsiderazzjoni d-*disallowed expenses*, mingħajr però ma ssosstanzja l-istess.

Fir-rigward tat-tnaqqis u konsegwenti deduzzjonijiet mhux konċessi mill-Kummissarju tat-Taxxi, Marco Borg, rappreżentant tal-Kummissarju, iddikjara: *matul il-laqgħat li l-uffiċjali kellhom ma' Vincent Saffrett huma talbu d-depreciation schedule tal-capital allowances li għalihom Vincent Saffrett talab tnaqqis bħala parti mill-ispejjeż. Peress li l-ispjegazzjoni qatt ma ġiet mogħtija l-uffiċjali eliminaw tali spiża filwaqt li l-ispejjeż mitluba b'relazzjoni mat-telefonija ġiet imnaqqsa bin-nofs (dejjem peress li ma nġabet l-ebda dokumentazzjoni sabiex tissostanzja dik l-ispiża)*[50].

Mill-atti proċesswali jirriżulta li fil-prospett tat-taxxa għas-sena ta' stima 2002[51] ir-Rikorrent iddikjara *depreciation* l-ammont ta' Lm2,421.27 u spejjeż varji oħra għal total ta' Lm15,082.20 sabiex applikati tali *depreciation* u spejjeż varji għall-Gross Profit minnu kalkolat, iddikjara Net Profit għal dik is-sena ta' stima ta' Lm4,533.26. Id-dritt ta' taxpayer li jiddikjara tali spejjeż u deduzzjonijiet għall-fini li jiġi determinat id-dħul tiegħu f'sena ta' stima partikolari huwa regolat bis-segwenti disposizzjonijiet tal-Liġi: (i) l-Artikolu 14 tal-Kap.123 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ii) ir-Regoli dwar it-Tnaqqis meta l-Impjant u l-Makkinarju Jitkabar bl-Użu Ordinarju, Legislazzjoni Sussidjarja 123.01.

L-Artikolu 14(1) tal-Kap.123 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *bl-iskop li jkun aċċertat l-income kollu ta' persuna għandhom jitnaqqsu l-flejjes kollha li jkunu intefqu u l-ispejjeż kollha li jkunu saru minn dik il-persuna matul is-sena li taħbat qabel is-sena ta' stima* ***safejn dak l-infiq u dawk l-ispejjeż ikunu servew kollha u biss fil-produzzjoni ta' l-income***[52] - u jgħaddi biex jelenka dawk id-deduzzjonijiet li t-*taxpayer* għandu dritt jiddikjara. Għall-finijiet ta' *depreciation*, ir-Regolament 5 tal-Legislazzjoni Sussijarja 123.01 jipprovdi li: *it-tnaqqis ta' kull sena meta l-impjant u l-makkinarju jitkabar bl-użu għandu jkun jikkostitwixxi tnaqqis permissibbli* ***<u>biss</u> f'dawk il-każijiet fejn ikunu nżammu records u dokumentazzjoni kif imiss tan-nefqa ta' l-attiv li għar-rigward tiegħu jkun qed jintalab tnaqqis***[53].

Minn dawn il-provvedimenti tal-Liġi jirriżulta b'mod ċar li għalkemm taxpayer għandu dritt jiddikjara tnaqiss u deduzzjonijiet, tali dritt u konsegwenti rikonoxximent ta' dak minnu dikjarat da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi ma humiex awtomatiċi iżda jeħtieġ li dak dikjarat ikun sopportat, ġustifikat u debitament ippruvat bi provi u dokumentazzjoni. Hija ħaġa ovvja u naturali li jekk taxpayer jiddikjara ammonti bħala *depreciation* u/jew spejjeż huwa mistenni li jkun f'posizzjoni jipprova b'mod ċar, nett u skjett il-*quantum* tad-*depreciation* u/jew spejjeż minnu dikjarati. Jekk tali prova ma ssirx u/jew ma ssirx a sodisfazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi, allura d-deduzzjonijiet dikjarati u pretiżi ma jistgħux jiġu rikonoxxuti w aċċettati mill-Kummissarju. Dan huwa eżattament dak li ġara fil-każ in eżami. Ladarba r-Rikorrent naqas milli jipprovdi

---

[50] Affidavit ta' Marco Borg a fol. 113 sa' 119 tal-proċess fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. 243/11.
[51] Fol. 141 sa' 145 tal-proċess.
[52] Enfasi tat-Tribunal.
[53] Enfasi tat-Tribunal.

d-dokumentazzjoni u provi in sostenn tad-deduzzjonijiet minnu dikjarati u pretiżi l-Kummissarju tat-Taxxi kien ġust u legalment korrett f'li ma jaċċettax id-*depreciation* dikjarat minnu u kien ferm ġust illi aċċetta għall-inqas nofs l-ispejjeż dikjarati.

**Konsiderazzjonijiet finali dwar l-aggravju tad-dekadenza a tenur ta' l-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta u dwar il-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent għas-sena ta' stima 2002:**

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk it-Tribunal iqis illi effettivament ir-Rikorrent ma ddikijarax ix-xiri kollu minnu magħmul fis-sena bażi 2001 bil-konsegwenza għalhekk illi ma ddikjarax il-bejgħ kollu minnu magħmul f'dik is-sena. Konsegwentement fil-prospett tat-taxxa tiegħu għas-sena ta' stima 2002 huwa ma iddikjarx id-dħul kollu tiegħu u għaldqstant f'tali prospett huwa ma żvelax il-fatti materjali kollha rilevanti sabiex jiġi determinat id-dħul tiegħu għall-imsemmija sena ta' stima. Fil-fehma tat-Tribunal dan ma sarx bi żball jew b'mod aċċidentali iżda kjarament ir-Rikorrent ried jevita t-taxxa minnu effettivament u attwalment dovut għal dik is-sena ta' stima partikolari.

Fid-dawl ta' dan għalhekk il-Kummissarju tat-Taxxi kien legalment korrett f'li a tenur ta' l-Artikolu 31(7) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta, joħroġ Likwidazzjoni ta' Taxxa fil-konfront tar-Rikorrent għas-sena ta' stima 2002 għad illi kienu għaddew il-ħames snin previsti fl-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta.

Detto cio u bla preġudizzju għal dak kollu hawn fuq osservat, jiġi rilevat illi fl-**24 ta' Ottubru 2008**, ir-Rikorrent issottometta formoli ta' aġġustament għal diversi snin ta' stima, fosthom is-sena ta' stima 2002[54], permezz ta' liema huwa iddikjara dħul minn imgħax lokali minn tlett kotba tal-bank miżmuma mill-Bank of Valletta. Is-sottomissjoni ta' dawn il-formoli ta' aġġustament ukoll timpingi fuq l-aggravju tal-preskrizzjoni sollevat mir-Rikorrent in kwantu l-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta kjarament jipprovdi li t-terminu ta' ħames snin jibda jiddekorri ***minn tmiem is-sena li fiha kien intbagħat prospett ta' l-income jew prospett ulterjuri għal dik is-sena***. Għalhekk tenut kont li il-formola ta' aġġustament għas-sena ta' stima 2000 ġiet sottomess fl-24 ta' Ottubru 2008 u l-Likwidazzjoni ta' Taxxa Oriġinali għas-sena ta' stima 2002 inħarġet fit-2 ta' Marzu 2009, jirriżulta li t-terminu ta' ħames snin previst fil-Liġi ai termini ta' l-istess Liġi ma kienx laħaq iddekorra.

[54] Vide affidavit ta' Marco Borg u dokumenti annessi a fol. 113 sa' 270 tal-proċess.

Għaldaqstant, tħares minn fejn tħares lejn is-sitwazzjoni jirriżulta li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2002 maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tar-Rikorrent ma nħarġitx oltre t-terminu previst fil-Liġi.

In kwantu rigwarda l-Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwistjoni t-Tribunal, wara li qies u kkonsidra il-provi kollha prodotti mill-partijiet kontendenti, iqis illi l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa hija ġusta u korretta u ma hijiex assolutament eċċessiva.

Filwaqt li t-Tribunal iqis li l-Kummissarju tat-Taxxi rnexxielu jipprova b'mod għal kollox sodisfaċenti mhux biss il-ħtieġa u r-raġuni għalfejn inħarġet Likwidazzjoni ta' Taxxa fil-konfront tar-Rikorrent għas-sena ta' stima 2002 iżda anke l-fondatezza u korrettezza ta' dik il-Likwidazzjoni ta' Taxxa, ir-Rikorrent, li pratikament ibbaża l-kontestazzjoni tiegħu fuq ix-xhieda ta' Paul Camilleri, xhud dan li *lascia molto a desiderare*, ma rnexxilux jipprova li dik il-Likwidazzjoni ta' Taxxa hekk maħruġa fil-konfront tiegħu hija eċċessiva u wisq inqas li hija arbitrarja.

**Rapport taxxa pperikolata/multi amministrattivi w imgħax punittiv:**

Ir-Rikorrent jikkontendi wkoll li r-rapport taxxa pperikolata/multi amministrattivi u imgħax punittiv jippekkaw serjament f'dak li huwa proporzjonalità. Fir-rigward ta' tali aggravju t-Tribunal huwa tal-fehma li entro l-parametri tal-kompetenza Tiegħu kif konferita bl-Artikolu 35 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa jista' jikkonsidra u jiddetermina biss jekk fl-imposizzjoni tat-taxxa addizzjonali u imgħaxijiet il-Kummissarju tat-Taxxi Interni mexiex skond il-provvedimenti relattivi ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap.123 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-każ in eżami jirriżulta li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni impona t-taxxa amminsitrattiva u l-imgħax fuq ir-Rikorrent a tenur ta' l-Artikolu 56 tal-Kap.123 tal-Liġijiet ta' Malta u a tenur ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant ma jirriżultax li dawn, bħala parti mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruga fil-konfront tar-Rikorrent, huma żbaljati jew eċċessivi. Jekk ir-Rikorrent jikkontendi però li d-disposizzjonijiet tal-Liġi kif promulgati jiksru l-prinċipju ta' proporzjonalità, it-Tribunal ma huwiex il-forum idoneju fejn tiġi trattata tali kwistjoni.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat it-Tribunal iqis li l-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni għas-sena ta' stima 2002 ma huwiex ġustifikat u b'hekk ma jistħoqqx li jiġi milqugh.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni għas-sena ta' stima 2002 u filwaqt li jiddikjara li

l-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2002 ma nħarġitx *fuori termine,* jikkonferma l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mir-Rikorrent.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**